QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT : DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 9 TA' NOVEMBRU 2001

Avviz Nru 2354/98DM

Henrietta Borg

vs

Eteine Brincat

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-attrici ghall-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' tlitt mija u tlieta u hamsin lira Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm353.34) jew somma verjuri li tigi likwidata mill-Qorti bhala danni li sofriet l-attrici meta gewwa Hal Farrug Road, Luqa fil-24 ta' Settembru 1998 l-konvenut kien qed issuq il-vettura numru EAQ 073, dahal u laqat il-vettura numru DAI 038, propjeta tal-attrici, u dan prevja dikjarazzjoni li din il-kollizjoni grat unikament minhabba negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali datata 5 ta' Novembru 1998 bl-imghax legali mid-data tal-istess u b'hekk il-konvenut imharrek ghas - subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Eteine Brincat fejn eccepixxa:

1 Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra tieghu, billi l-kollizjoni in kwistjoni ma saritx b'tort tal-eccipjenti, izda b'tort tal-attrici minhabba traskuragini, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk l-eccipjenti ma hux responsabbbli ghall-ebda hlas ta' danni;

2 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process;  u

Ikkunsidrat:-

Illi l-kollizjoni grat go triq Hal Farrug fil-limiti ta' Hal Luqa fejn tirrizulta kurva u l-wiesa tat-triq hija ta' 5.8 metri u filwaqt illi l-vettura misjuqa mill-attrici halliet 8.3 sinjali ta' roti minhabba 'brakes' dik misjuqa mill-konvenut halliet 20 metru.

Min-naha tal-attrici din issostni illi hi kienet qieghdha issuq max-xellug estrem tat-triq b'velocita moderata u meta waslet fil-kurva kif appena rat it-trukk gej misjuq mill-konvenut mid-direzzjoni opposta hija applikat il-'brakes' u waqfet f'distanza indikata mill-marki, waqt illi t-truck misjuq mill-konvenut ma zammx fil-pront u baqa' diehel go fiha.  Issostni li dan laqatha fuq r-rota ta' wara tan-naha tal-lemin bil-quddiem tan-naha tal-lemin tieghu.

Il-konvenut min-naha tieghu issostni illi l-kollizzjoni grat peress illi l-attrici ma kienetx qieghedha issuq fuq in-naha estrema taghha tat-triq izda kienet qieghdha ghan-nofs it-triq u ma ppermettietlux spazju bizzejjed minn fejn jghaddi bit-truck tieghu.  Jirrizulta u anke huwa ammess mill-konvenut illi t-triq anke fil-kurva fejn grat il-habta kienet wiesa' bizzejjed biex tippermetti illi z-zewg vetturi jghaddu minnu  ma gemb xulxin.  Ghalhekk il-Qorti trid tezamina liema wahda minn dawn il-verzjonijiet hija l-iktar wahda verosimili fin-nuqqas ta' xhieda okulari ta' din il-kollizzjoni.

Indizju serju favur it-tezi tal-attrici huwa l-fatt illi l-'brake marks' illi halla t-truck misjuq mill-konvenut illi huma l-prova tat-traettorja tal-vettura tieghu, jindikaw illi t-trukk telaq in-naha tax-xellug tat-triq u dahal hu fil-karreggjata tal-attrici u ghalhekk kien il-konvenut illi effettivament invada il-karreggjata tal-attrici.

Inoltre jirrizulta wkoll illi l-'brake marks' imhollija mit-trukk misjuq mill-konvenut ta' 20 metru huma 'brake marks' eccessivi indikattivi ta' velocita' iktar minn dik konsentita fl-inhawi , meta wiehed jikkunsidra illi l-vettura li kien qieghed jsuq il-konvenut kienet vettura industriali u l-konfigurazzjoni u wisgha tat-triq fejn kien qieghed isuq kienu jindikaw ukoll velocita inqas minn dik konsentita mill-ligi.

Lanqas ma hija sorretta mill-isketch l-allegazzjoni tal-konvenut illi l-vettura tal-attrici tinsab max-xellug estrem tat-triq ghaliex kien spustjata f'dik il-posizzjoni bid-daqqa' bit-trukk tieghu.  Infatti l-'brake marks' imhollija mill-vettura tal-attrici li huma wkoll indikattivi tat-traettorja ta' din il-vettura,  jaslu ezatt sar-rota ta' wara tal-lemin minghajr ebda indikazzjoni ta' spostament.

Ghalhekk kollox jindika illi l-kawza ta' din il-kollizjoni kienet is-sewqan imprudenti, b'velocita eccessiva ta' l-istess konvenut li minn naha tieghu wkoll jammetti illi anke t-triq kienet xi ftit imxarba u ghalhekk ftit iktar perikoluza u li kienet tissuggerrixxi velocita iktar moderata. Konsegwentement tiddikjara l-konvenut unikament responsabbli ghal kollizzjoni in kwistjoni u ghalhekk responsabbli biex ihallas id-danni illi sofriet l-attrici kawza tal-incident.

Mid-dokumenti esebiti mill-attrici senjatament ir-ritratti tal-hsara w il-kontijiet relattivi ghat-tiswija jirrizulta illi l-amont ta' Lm353.34 (tlett mija tlieta u hamsin lira Maltin u erba' u tletin centezmu) mitlubin mill-attrici huma ampjament gustifikati;

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tilqa t-talba attrici u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz qieghdha tikkundannah lill-konvenut illi jhallas lill-istess attrici s-somma mitluba ta' Lm353.34 (tlett mija tlieta u hamsin lira Maltin u erba' u tletin centezmu) fil waqt li tiddikjara unikament responsabbli ghal kollizzjoni inkwistjoni. Inoltre tikkundannah lill-konvenut sabiex jhallas l-imghax legali mis-7 ta' Dicembru 1998;

Bl-ispejjes kontra l-konvenut

Mag Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep Reg
Civ23